**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 7 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru. 38/2016**

**James Camilleri**
**vs**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **James Camilleri** fid-9 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *ILLI, permezz ta' ittra datata erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (04.05.2016), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarakta bħala **'Dok. JC 1'**, l-esponenti ġie mgħarraf mill-Awtorità intimata li hi kienet bi ħsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid ta' permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur **('Dok. JC 2')**, minħabba li: "Int ma ssodisfajtx il-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba għall-fini tar-Regolament dwar il-Vetturi bil-Mutur: Ingħatajt sentenza u cioe' fid-29 ta' Settembru, 2015, għax tkun instabt ħati, matul l-aħħar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali".*

   *L-esponenti ngħata għaxart' (10) ijiem min-notifika lilu tal-ittra surreferita sabiex iressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.*

2. *ILLI, permezz ta' ittra datata sebgħa ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (07.05.2016), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. JC 3'**, l-esponenti saħaq is-segwenti:*

   > *"Nixtieq ngharrfek illi c-citazzjonijiet li nircievi jiena jaslu ghandi ghax ikun hemm il-vettura registrata fuq ismi pero*

*dawk il-kontravenzzjonijiet isiru mix-xufiera tieghi. Ic-citazzjonijiet li nircievu jigu mhallsa minnufih u m'hemm l-ebda minnhom pendent[i]. Jiena nista wkoll nipprezentalek kondotta ricenti tal-pulizija li turi li jien ghandi kondotta nadifa.*

*Nitolbok terga tikunsidra d-decizjoni tieghek."*

3. *ILLI b'ittra datata għaxra ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (10.05.2016), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala* ***'Dok. JC 4'****, l-esponenti ġie mgħarraf mill-Awtorità intimata li kienet iddeċidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994, kif emendat), u dan stante li, fi kliemha:*

> *"ngħatajt sentenza u cioé fid-29 ta' Settembru, 2015, għax tkun instabt ħati, matul l-aħħar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mar-regolamenti dwar it-trasport stradali."*

4. *ILLI, minkejja li r-Regolament relattiv għat-tiġdid tal-permess ta' xufier in kwistjoni m'huwiex espressament indikat mill-Awtorità intimata fl-ittra ta' rifjut surreferita, mill-kontenut tal-istess ittra jemerġi biċ-ċar li huwa r-****Regolament 130A tal-Avviż Legali 128 tal-1994, kif emendat****, ossia tal-****Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11*** *li, fil-fatt, ġie applikat mill-Awtorità sabiex tasal għad-deċiżjoni ta' rifjut tagħha, u dan stante li l-istess ittra tirriproduċi d-dettami tas-****subregolament 4(b)*** *tal-istess regolament:*

> *(1) Ebda persuna m'għandha* ***ssuq*** *vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il-persuna ma jkollhiex tag ta' identifikazzjoni magħrufa lilha mill-Awtorità.*
>
> *(2) Xufier li jkun irid* ***jikseb*** *tag ta' identifikazzjoni taħt dan ir-regolament għandu jagħmel applikazzjoni għand l-Awtorità billi jimla l-formola preskritta.*
>
> *(3) L-imsemmija tag* ***tinħareġ*** *biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li –*
>
> *(a) ikollu l-liċenza tas-sewqan adatta,*
> *(b)* ***<u>fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba</u>****,*
> *(c) jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorità u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors.*
>
> *(4)* ***Sakemm ma jiġux ordnati kondizzjonijiet li jinvolvu obbligi aktar onerużi permezz ta' regolamenti oħra, għall-fini ta' dan ir-regolament, persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:***

(a) ***tkun instabet ħatja, matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li tista' teħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87),***

(b) ***tkun instabet ħatja, matul l-aħħar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali. L-applikanti għal tag ta' identifikazzjoni għandhom, għalhekk, jippreżentaw lill-Awtorità ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija.***

(5) *L-Awtorità tista'* **tirtira** *tag ta' identifikazzjoni jekk id-detentur ma jibqax jissodisfa aktar ir-rekwiżit ta' kondotta tajba.*

(6) *L-Awtorità tista'* **tissospendi** *tag ta' identifikazzjoni sakemm tingħata sentenza finali mill-Qorti fejn id-detentur jiġi akkużat b'reat kriminali li jista' jeħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).*

(7) *Ix-xufier ta' vettura bil-mutur għall-kiri għandu, waqt li jkun fuq xogħol, jilbes it-tag f'post li tidher sew fuq is sider.*

(8) *Ebda xufier ma jista' juża tag ħlief dik lilu mogħtija mill-Awtorità u dik it-tag ma tistax tingħadda minn xufier għal ieħor.*

(9) *Xufier ta' vettura bil-mutur għall-kiri għandu jilbes, waqt li jkun fuq xogħol, l-uniformi li jkollha disinn u kulur li jiġu approvati mill-Awtorità. [sottolinear u enfażi tal-esponenti]*

5. *ILLI, f'dan ir-rigward, fl-ewwel lok jiġi rrilevat li s-**subregolament 4(b) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**, id-dettami ta' liema ġew riprodotti testwalment fid-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorità intimata, fil-fatt, jinkorpora biss wieħed miż-żewġ fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati u meqjusin mill-Awtorità intimata meta rinfaċċjata b'applikazzjoni għall- **'ħruġ'** ta' tag ta' identifikazzjoni ai termini tas-**subregolament (3)** tal-imsemmi Regolament. Dawn iż-żewġ fatturi huma intrinsikament marbutin mal-limiti tas-setgħa relattiva tal-Awtorità intimata, kif ukoll mal-użu tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-istess Awtorità fl-ifformular tal-**"fehma"** tagħha dwar jekk l-applikant għandux jitqies ta' "kondotta tajba", o meno, ai termini tas-**subregolament 3(b) tal-istess Regolament**.*
*F'dan il-każ, kif jirriżulta biċ-ċar mill-applikazzjoni relattiva sottomessa mill-esponenti **('Dok. JC 2')**, l-istess esponenti, fil-fatt, kien applika għat-**"tiġdid"** ("renewal") tal-permess tiegħu, u mhux għall-"ħruġ" ta' permess ieħor ġdid.*

6. *ILLI, b'żieda mas-suespost, l-esponenti jirrileva li l-konsiderazzjonijiet elenkati fil-* ***paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11****, fil-fatt, huma* ***kriterji kumulattivi*** *(u mhux kriterji alternattivi), liema kriterji, għaldaqstant, ma jistgħux jiġu ikkunsidrati u meqjusin separatament, u dan kif jirriżulta biċ-ċar minn qari attent u siewi tad-dettami tas-***subregolament (4)** *tal-istess Regolament, senjatament mill-fatt li tintuża biss virgola (comma) bejnitehom.*

   *Dan ifisser li, effettivament, sabiex l-Awtorità intimata tasal għall-konklużjoni li applikant m'huwiex ta' kondotta tajba, iridu jirriżultaw żewġ kondizzjonijiet, ossia li l-istess persuna:*

   (a) *"tkun instabet ħatja, matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li tistà teħel piena dwaru ta' zmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew* ***multa ta' mill-inqas erbà mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 465.87),***

   (b) *"tkun instabet ħatja, matul l-aħħar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali."*

   *Madankollu, huwa ċar li l-Awtorità intimata għażlet li ssostni r-rifjut tagħha tal-applikazzjoni tal-esponenti biss b'referenza għall-fatt li l-esponenti kien instab hati ta' reat, u dan ai termini tal-***paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.**

7. *ILLI, fil-verità, l-esponenti kien instab ħati mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-disgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (29.09.2015) talli, bħala* ***"operator"*** *tal-vetturi 'GPY 041' u 'LVY 226', li jintużaw għall-ġarr tal-passiġġieri, "...inqast li tara li jkollok taghmir adattat kif preskritt mill-Awtorita ghat-tifi tan-nar (L.S. 499.56 Artiklu 61(a)" nhar il-ħamsa ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (05.04.2015), nhar it-tnax ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (12.04.2015) u nhar l-ewwel ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (01.05.2015), u dan kif jirriżulta mill-kopji awtentikati tas-sentenzi relattivi, hawn annessi u mmarkati bħala* ***'Dok. JC 5' – 'Dok. JC 7'.***

   *F'dan ir-rigward,* ***fuq ammissjoni tiegħu****, l-esponenti kien instab ħati tal-imsemmi reat kontinwat mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u, konsegwentement, ġie kkundannat sabiex iħallas* ***"multa komplessiva ta' €50.00".***

8. *ILLI, għaldaqstant, jig rrilevat li ir-reat kontinwat lilu addebitat fil-proċeduri kriminali surreferiti, ossia l-imputazzjoni arġinata fuq l-Artikolu 61(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma timplikax piena ta' "mill-inqas erbà mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 465.87)" ai termini tal-***paragrafu (a) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.**

*Dan jirriżulta mir-**<u>Regolament 107(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56</u>**, li jipprovdi l-parametri tal-piena relattiva:*

> *"Persuna li tikser xi regolament, ħlief ir-regolamenti msemmija fis-subregolament (1), u r-regolamenti stipulati fis-subregolamenti (7), (8), (9) u (10), **<u>meta tinstab ħatja, tkun suġġetta għal multa li ma teċċedix tliet elef euro (€3,000)</u>**. Barra minn dan, il-Qorti jew it-Tribunal Lokali ghandhom jordnaw lill-Awtorità biex timponi fuq dik il-persuna punt ta' penali għal kull għaxar euro (€10) jew parti minnu impost fuq dik il-persuna bhala multa skont dan is-subregolament." [enfażi u sottolinear tal-esponenti]*

*F'dan il-qafas, l-esponenti jirrileva li d-dettami tal-**paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11** kellhom jiġu kkunsidrati flimkien (u mhux separatament) mill-Awtorità intimata waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu u, għaldaqstant, il-motivazzjoni kontenuta fl-ittra ta' rifjut tal-Awtorità intimata hija waħda selettiva u li ma tirrispekkjax interpretazzjoni korretta tad-diċutura u tad-dettami tal-istess Regolament.*

*<u>Jingħad li, li kieku l-intenzjoni sottostanti għall-imsemmi Regolament kienet li l-kriterji kontenuti fis-subparagrafu (a), kif ukoll dawk kontenuti fis-subparagrafu (b), ma jitqiesux flimkien, din kienet tagħmlu b'mod ċar u tond - **ubi lex voluit dixit**.</u>*

*<u>Tant hu hekk li ma nsibu l-ebda kwalifika bħall-kelma **"jew"** bejn subparagrafi (a) u (b) tal-imsemmi **subregolament (4) tar-Regolament 130A tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**.</u>*

9. *ILLI, f'dan ir-rigward, il-loġika mħaddna mill-Awtorità intimata, kif riżultanti mill-ittra ta' rifjut tagħha datata 10 ta' Mejju, 2016, timplika wkoll li <u>kwalunkwe ħtija relattiva għal kwalunkwe **kontravvenzjoni** li jkollha x'taqsam "...mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali</u>" awtomatikament trendi lil xufier bħala ineleġibbli għall-"ħruġ" jew għat-"tiġdid" ta' liċenza ta' xufier ta' vetturi tal-kiri.*

   *Għas-saħħa tal-argument, jiġi rrilevat li l-loġika imħaddna mill-Awtorità intimata timplika li anke l-kundanna għall-ħlas ta' **ammenda** waħda għal **kontravvenzjoni** li jkollha x'taqsam "...mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali", per eżempju, "ipparkjar jew stennija jew waqfien f'postijiet ipprojbiti" jew "li wieħed isuq ġo karreġġata għal vetturi ta' preċedenza" [punibbli b'ammenda ta' tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) ai termini tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta], u dan saħansitra jekk dawn ir-reati jkunu twettqu minn xufier bl-użu tal-vettura privata tiegħu, awtomatikament tissarraf fir-rifjut ta' applikazzjoni għall-"ħruġ" jew għat-"tiġdid" ta' liċenza ta' xufier ai termini tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.*

   *L-esponenti jissottometti li, bir-rispett kollu, din l-interpretazzjoni hija waħda assurda u nieqsa minn kull loġika, kemm legali kif ukoll prattika.*

10. *ILLI, f'dan l-isfond, issir referenza wkoll għall-fatt li, a tenur tas-**subregolament (6) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**, l-Awtorità intimata għandha s-setgħa li **"tissospendi"** tag ta' identifikazzjoni sakemm tingħata sentenza fil-konfront ta' xufier liċenżjat **biss** jekk id-detentur tal-liċenza relattiva jkun ġie "...akkużat b'reat kriminali li jista' jeħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' **mhux inqas** minn tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87)."*

*Għaldaqstant, tenut kont ta' dan il-provvediment, huwa ċar li huwa biss f'każ li l-applikant ikun instab ħati wkoll "...matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li [j]istà [j]eħel piena dwaru ta' zmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erbà mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 465.87)**" a tenur tal-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**, li l-Aworità intimata għandha s-setgħa li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-istess esponenti.*

*L-istess argument jistà jsir ukoll għar-rigward taas-setgħa tal-Awtorità intimata li **"tirtira"** tag ta' identifikazzjoni "...jekk id-detentur ma jibqax jissodisfa aktar ir-rekwiżit ta' kondotta tajba", kif stipulat **fis-subregolament (5) tar- Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**. Bir-rispett kollu, ikun inġust u assurd li tiġi permessa interpretazzjoni tar-Regolamenti relattivi li timplika li l-Awtorità intimata, b'xi mod, għandha s-setgħa li "tirtira" permess validament maħaruġ semplicement abbażi tal-fatt li, persuna tkun instabet ħatja ta' kontravvenzjoni sempliċi relatata mat-traffiku jew mat-trasport stradali ai termini tal-**paragrafu (b) tas-subregolament 4 tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**.*

11. *ILLI, b'żieda mas-suespost, jingħad li, fi kwalunkwe każ, fil-**paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11** tintuża l-kelma **"reati"**, ossia kelma fil-forma plurali, li, minnha nfisha timplika li, fi kwalunkwe każ, sabiex l-Awtorità intimata tkun intitolata li tirrifjuta applikazzjoni abbażi ta' dan il-paragrafu, l-applikant irid ikun instab ħati ta' iktar minn reat wieħed. Kif spjegat, l-infrazzjonijiet li l-esponenti instab ħati tagħhom nhar id-29 ta' Settembru, 2015, jikkostitwixxu reat wieħed, ossia reat kontinwat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, ma jistax jingħad li l-esponenti kien instab ħati ta' "reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali ai termini tal-**paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.***

12. *ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jingħad ukoll li l-imsemmi **subregolament (4) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11** jirrikjedi li l-applikanti jissottomettu ċertifikat ta' kondotta tal-Pulizija sabiex l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati mill-Awtorità intimata:*

> *"__L-applikanti għal tag ta' identifikazzjoni għandhom, għalhekk, jippreżentaw lill-Awtorità ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija__."*

*Min-natura tiegħu stess, dan il-provvediment jimplika li huma biss reati li jistgħu jitniżżlu f'ċertifikati ta' kondotta rrilaxxjati mill-Pulizija Eżekuttiva li, fil-fatt, għandhom jitqiesu mill-Awtorità intimata meta rinfaċċjata b'applikazzjoni ppreżentata lilha a tenur tar-Regolament 130A tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11. F'dan il-każ, hija l-liġi stess li qiedgħdha tirrikjedi u tistipula l-prova li għandha tiġi meqjusa mill-Awtorità intimata sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha relattiva għall-akkoljiment jew għaċ-ċaħda tat-talba in kwistjoni.*

*Ġaladarba hija l-liġi stess li tipprovdi tassattivament għas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' kondotta tal-Pulizija flimkien mal-applikazzjoni relattiva, għandu jsegwi wkoll li huma biss reati li għandhom jitniżżlu fuq l-istess ċertifikat in virtù tal-**Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta**, ossia reati ta' ċertu portata, li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Awtorità intimata fl-ipproċċessar ta' applikazzjonijiet sottomessi a tenur tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.*

13. *ILLI, f'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li, kemm iċ-ċertifikat ta' kondotta sottomess mill-esponenti mal-appikazzjoni tiegħu, kif ukoll dak iktar reċenti maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (27.05.2016), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. JC 8'**, jistipulaw li l-istess persuna **"__is of good conduct__".***

    *Is-sempliċi fatt li r-reat kontinwat surreferit, li l-esponenti instab ħati tiegħu nhar id-29 ta' Settembru, 2015, setà tniżżel fil-__fedina penali__ (u mhux fiċ-Ċertfikat tal-Kondotta tiegħu), bir-rispett kollu, bl-ebda mod ma jista' jimplika li l-esponenti m'huwiex ta' kondotta tajba, kemm a tenur tal-**paragrafu (b) tas-subregolament (3) tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**, kif ukoll għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

    *Fil-fatt, f'dan il-qafas, issir referenza għall-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jipprovdi li:*

> *"Ebda kundanna jew ordni kontra ebda persuna ma għandha titniżżel f'ċertifikat ta' kondotta maħruġ taħt din l-Ordinanza jekk-*
> *(a) tkun dwar xi kontravvenzjoni; jew*
> *(b) il-persuna ikkundannata misjuba ħatja ta' delitt tkun taħt l-età ta' tmintax-il sena meta dan ikun sar; jew*
> *(ċ) tkun ingħatat dwar dik il-kundanna l-maħfra tal-President ta' Malta;*
> *(d) l-ordni jkun magħmul taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation;*
> *(e) hija sejbien ta' ħtija ta' persuna mingħajr sejbien ta' ħtija preċedenti li fir-rigward tagħha, piena li tikkonsisti **__f'multa ta' mhux aktar mitejn euro__** ġiet imposta u imħallsa." [enfażi u sottolinear tal-esponenti]*

*In vista tal-fatt li r-reat, li tiegħu instab ħati l-esponenti nhar id-29 ta' Settembru, 2015, ma jaqax fil-parametri stipulati fl-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta**, tali reat, naturalment, ma tniżżilx fiċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu.*

*Ġaladarba dan ir-reat ma jistax jiġi indikat fiċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu u, ġaladarba l-istess Ċertifikat huwa rikjest mil-Liġi b'mod tassattiv sabiex tiġi kkunsidrata applikazzjoni ai termini tar-Regolament 130A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, għandu jsegwi li l-applikazzjoni tal-esponenti ġiet inġustament miċħuda u skartata mill-Awtorità intimata.*

14. *ILLI, b'referenza għall-istess reat li l-esponenti instab ħati tiegħu nhar id-29 ta' Settembru, 2015, jiġi rrilevat ukoll li, fil-proċeduri ġudizzjarji relattivi , l-esponenti kien ġie akkużat bħala **"operator"** u kien, fil-fatt, instab ħati mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fuq ammissjoni tiegħu stess. Dan ifisser li l-Awtorità qas setgħet, b'xi mod, tivverifika jew tikkonferma jekk kienx l-istess esponenti li, fil-fatt, kien qed isuq il-vetturi involuti fit-twettieq tar-reat kontinwat in kwistjoni jew jekk kellux xi forma ta' kontroll fuq l-istess vetturi fil-ġranet u fil-ħinijiet indikati. Fil-fatt, kif rrilevat mill-esponenti stess fl-ittra tiegħu datata 7 ta' Mejju, 2015 **('Dok. JC 3')** "...c-citazzjonijiet li nircievi jiena jaslu ghandi ghax ikun hemm il-vettura registrata fuq ismi pero dawk il-kontravenzzjonijiet isiru mix-xufiera tieghi."*

15. *ILLI, lil hinn minn kull argument relattiv għall-interpetazzjoni skorretta tar-regolamenti relattivi da parti tal-Awtorità intimata, jiġi rrilevat ukoll li d-deċiżjoni ta' rifjut tagħha hija, fi kwalunkwe każ, manifestament sproporzjonata u nieqsa minn valutazzjoni ekwitattiva. Minbarra l-fatt li, kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu, l-esponenti huwa meqjus mill-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta bħala ta' kondotta tajba, wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li l-għejxien tal-istess esponenti huwa dipendenti fuq it-tiġdid tal-liċenza relattiva.*

*Għaldaqstant, bħala prinċipju, għandu jkun ċar li, speċjalment fejn jidħlu deċiżjonijiet li jaffetwaw l-għejxien ta' persuna, l-Awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jieħdu l-istess deċiżjonijiet leġġerment jew abbażi ta' interpretazzjoni selettiva. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Ph. Borġ Limited –vs- Direttur Ġenerali (Dwana)**,[1] mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-sebgħa u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (27.04.2015), intqal li:*

> *"Il-kunċett tal-proporzjonalità fid-dritt amministrattiv jirrikjedi li kull att ta' amministrazzjoni pubblika ghandu jkun **<u>proporzjonat skond l-iskop tieghu u l-effett li jipproduci</u>**. Fi ftit kliem l-ezercizzju tas-setgha ma ghandux ikun eccessiv kemm fil-mezzi wzati kif ukoll fil-konsegwenzi tieghu." [sottolinear u enfażi tal-esponenti]*

[1] Rikors Nru. 19/2014.

16. *ILLI, fl-isfond tal-konsiderazzjonijet surreferiti, l-esponenti huwa konvint li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorità intimata hija waħda żbaljata u li ma ssib l-ebda riskontru fil-fatt jew fid-dritt.*

17. *ILLI, għaldaqstant, l-esponenti qiegħed jintavola l-proċeduri odjerni quddiem dan l-Onorabbli Tribunal għall-konsiderazzjoni għaqlija u superjuri tal-kwistjonijiet imqanqlin f'dan ir-Rikors.*

*GĦALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll dawk ir-raġunijiet kollha li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta kontenuta fl-ittra ta' rifjut tagħha datata 10 ta' Mejju, 2016, u dan prevja kwalunkwe ordni u/jew provvediment meqjus opportun sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata.*

*B'riżerva għal kull azzjoni oħra riżervata lill-esponenti skond il-Liġi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fl-4 ta' Lulju 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, hu recentement applika ma' l-Awtorita' intimata sabiex it-tag tieghu bhala xufier tigi imgedda. Tali process ta' tigdid jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni ghat-tigdid, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum.*[2] *Illi fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 130A(4)(b) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk ... tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali." L-operat ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

[2] Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Filomena Borg et v. Antonio Borg et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju,1907 riportata f'*Kollez*. Vol.XX-I-68). Ghalhekk, hu principju generali anke fl-ordinament taghna li, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Tali principju jinsab ukoll fis-sentenzi **Ottavio Suda v. Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u **Leonard Cassar v. L-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju, 2013).

4. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikhom irid ikollu kondotta tajba w li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikhom jew, jekk ikun qed diga' jippratikhom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrenti. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

5. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent u ta' Sylvana Bartolo;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 10 ta' Mejju 2016 li permezz taghha gie mgharraf illi l-istess Awtorita` ma kinitx se ggeddidlu t-*tag* peress li kien gie misjub hati permezz ta' sentenza datata 29 ta' Settembru 2015 dwar reati li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali.

Jirrizulta illi fid-29 ta' Settembru 2015, proprjament, inghataw tlett (3) sentenzi fil-konfront tar-rikorrent li kienu jitrattaw illi bhala operatur naqas li jara li jkollu taghmir ta' tifi tan-nar adattat kif preskritt mill-Awtorita` intimata fuq vettura li tintuza ghall-garr tal-passiggieri. Ta' dawn ir-reati huwa gie mmultat ghall-hlas ta' multa ta' hamsin ewro (€50) f'kull kawza.[3]

Illi r-rikorrent issottometta illi dawn it-tip ta' reati m'ghandhomx jigu kkunsidrati ai fini ta' jekk wiehed tinhariglux it-*tag* jew le ghaliex huma reati *de minimis* tant li r-rikorrent gie mmultat multa minima. Jishaq ukoll illi l-intenzjoni tal-legislatur ma kinitx li t-*tag* ma tiggeddidx meta wiehed jikkometti biss reat taht is-subinciz (b) tal-artikolu 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 izda dan is-subinciz irid jinqara mas-subinciz (a) u kwindi jargumenta illi meta l-Awtorita` intimata kienet selettiva kienet qed tinterpreta l-ligi b'mod zbaljat. Jissottometti wkoll illi subinciz (b) isemmi "reati" u mhux "reat" u kwindi l-Awtorita` intimata qatt ma setghet tapplika s-subinciz (b) fil-konfront tar-rikorrent stante li dak li nstab hati tieghu huwa reat kontinwat.

Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimat sahqet illi hija ggwidata bil-Ligi u ladarba jirrizultalha illi xufier ikun ikkommetta reati kontra r-regolamenti tat-trasport stradali allura ma kellha l-ebda diskrezzjoni jekk iggeddidx it-*tag* jew le.

---

[3] Ara s-sentenzi esebiti bhala Dok JC5, JC6 u JC 7 a fol. 21 sa 23 tal-process

Ghaldaqstant, in vista tas-sentenzi su citati, l-Awtorita` intimata ma geddidtx it-*tag* lir-rikorrent stante li ai termini tar-Regolament 130A (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) *"L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li –*

*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
***(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,***
*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi ai termini tar-Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11: *"Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:*
*(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87),*

***(b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali."***

Illi minn qari tas-sentenzi tal-2015 jirrizulta illi r-rikorrent effettivament instab hati ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mar-regolamenti dwar it-trasport stradali, ghalkemm il-piena nflitta hija wahda *de minimis*. Illi ghalhekk, a differenza fejn persuna li tkun instabet hatja tinghata ordni ta' *probation*, jew inkella tigi liberata b'kundizzjoni jew minghajra, fejn f'dak il-kaz l-Awtorita` ma tistghax iccahhad lill-applikant mit-*tag* ghalhiex sanzjoni komunitarja jew liberta' kundizzjonata jew minghajr kundizzjoni ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija ai termini tal-artikolu 25 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistghax jinterpreta mod iehor il-piena ta' multa ghajr li hija dikjarazzjoni ta' htija.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi m'hemm l-ebda bilanc bejn is-subinciz (a) u (b) tar-Regolament 130A (4) ghax filwaqt li s-subinciz (a) jitkellem fuq piena minima ta' tlett xhur prigunerija jew multa minima ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87), wiehed jista' jkun in kontravvenzjoni ta' subinciz (b) anke jekk perezempju ma jkollux liċenza mhux imwaħħla mal-*windscreen*, li ggorr piena ta' ammenda ta' tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.39).[4] B'hekk jidher car li hemm diskrepanza kbira bejn sub-regolament u iehor li abbazi tieghu l-Awtorita` tista' tichad it-tigdid tat-*tag*.

Illi madankollu dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrent dwar il-fatt li s-subinciz (a) u (b) tar-Regolament 130A (4) iridu jinqraw flimkien u jridu jkunu kumulattivi biex l-Awtorita` intimata jkollha l-jedd li ma ggeddidx it-*tag*. Kieku l-legislatur ried din l-interpretazzjoni kien jaghmel l-istess Regolament b'mod li jinftiehem hekk u li kieku kien hekk allura l-Awtorita` intimata kien ikollha biss dritt li ma ggeddidx *tag* jekk xufier ikun instab hati biss ta' reati dwar it-traffiku u dwar it-trasport stradali u jigu injorati diversi delitti gravi ohra.

Illi wara li dan it-Tribunal ghamel dawn ir-riflessjonijiet, u ha in konsiderazzjoni l-argumenti tar-rikorrent ma jistghax ma josservax illi l-kriterju ta' kondotta tajba ai termini tar-

[4] Ara Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

Regolament 130A (4) (b) huwa wiehed oneruz hafna tant illi mal-inqas kontravvenzjoni li jikkometti xufier li jkollu t-*tag*, u jinstab hati jitlef l-istess *tag*, liema *tag* ghal hafna xufiera tfisser il-hobza ta' kuljum. Illi madankollu dan it-Tribunal ghandu jdejh marbutin ghax il-ligi ma ta*g*hti lok ghal ebda interpretazzjoni ohra. Irid ikun il-legislatur li jillegisla mod iehor jekk ihoss li dan ghandu jkun il-kaz. Ghal dan il-ghan dan it-Tribunal qed jordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ministru koncernat.

Ghaldaqstant, in vista li fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata applikat dak li tiddetta l-ligi b'mod oggettiv, bl-ebda mod ma jista' jinghad li d-decizjoni taghha kienet wahda mhux ritwali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

Komunika: Onorevoli Ministru Joe Mizzi
Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura
Triq Francesco Buonamici,
Floriana